MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' April, 2007

Numru. 962/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carmelo Magri)**

**v**

**Jeffrey John Brincat ta' 21 sena**
**bin Jack u Grace nee Azzopardi mwieled**
**fil-Pieta' fis-26 ta' Mejju, 1982 u li joqghod**
**185, Triq Zerafa, Marsa detentur tal-karta**
**tal-identita' bin-numru 29082(M)**

**Marvin Zammit ta' 17 sena bin missier**
**mhux maghruf u Maria Teresa Zammit mwieled**
**fil-Pieta' fl-24 ta' Lulju, 1986 li joqghod 'Narcis',**
**Triq il-Qawsalla, Msida, detentur tal-karta tal-identita'**
**bin-numru 340286 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Jeffrey John Brincat u Marvin Zammit li gew akkuzati talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizolzuzzjoni wahda u cioe:

Talli fid-19 ta' Novembru, 2003 ghall-habta tal-10.00 ta' bil-lejl mill-imhazen tal-kumpanija Paul Cutajar Co. Ltd. li huwa sitwat fi Triq Sannat Marsa kkommettew serq ta' kwantita' ta'prodotti bl-isem 'Mr Freeze" ghad-dannu tad-dirigenti tal-istess kumpanija, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tad-dirigenti tal-istess kumpanija, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm 10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm 50).

Fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Novembru, 2003 mill-mahzen bla numru sitwat f'Moll il-Braken, Marsa kkommettew serq ta' kwantita' ta'ghodod u oggetti ohra ghad-dannu ta' Maurice Meli Bugeja minn San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin u bil-hin.

Rat li l-akkuzati inizzjalment wiegbu li kienu hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom pero' aktar tard fis-seduta tat-18 ta' Dicembru, 2003 (a fol 33) huma rtiraw l-ammissjoni minnhom irregistrata.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema tista' tinstab htija a fol 180 u cioe:

Fil-konfront ta' Marvin Zammit biss:

(a) fl-artikoli 18, 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali
(b) fl-artikoli 18 u 325 tal-Kodici Kriminali
(c) fl-artikoli 18, 261 (b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali
(d) fl-artikoli 18 u 324 tal-Kodici Kriminali
(e) fl-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kapitlu 446 tla-Ligijiet ta' Malta
(f) fl-artikoli 18 u 334 tal-Kodici Kriminali
(g) fl-artikoli 533 tal-Kodici Kriminali

Fil-konfront ta' Jeffrey John Brincat biss:

(a) fl-artikoli 18, 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali
(b) fl-artikoli 18 u 325 tal-Kodici Kriminali
(c) fl-artikoli 18, 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali
(d) fl-artikoli 18 u 325 tal-Kodici Kriminali
(e) fl-artikoli 18, 26(b)(c), 263, 264, 265, 255, 247, 278, 279 u 280 tal-Kodici Kirminali;
(f) fl-artikoli 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta
(g) fir-regolament 127 tal-Avviz Legali 128 tal-1994,
(h) fl-artikoli 214, 216, 217 u 218 tal-Kodici Kriminali
(i) fl-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta
(j) fl-artikoli 18 u 334 tal-Kodici Kriminali
(k) fl-artikoli 533 tal-Kodici Kriminali

Rat illi ghall-imsemmija artikoli l-akkuzati ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji (fol 192).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi fir-rigward ta' l-akkuzi in dizamina hemm biss tliet ufficjali tal-Pulizija li huma xhieda okulari fir-rigward ta' l-akkuza ta' serq u hsara minn go P & P Cutajar. Fil-fatt

WPC 186, PC 225 u PC 960 ilkoll identifikaw lill-ko akkuzat Marvin Zammit mohbi wara l-haxix meta saret is-serqa ghand Cutajar. Is-sewwieq malviventi wkoll involut fis-serqa ta’ Cutajar harab minn fuq il-post u f’dan l-istdju ma kienx maghruf mill-pulizija.

Fil-fatt kemm Marvin Zammit kif ukoll Jeffrey John Brincat irrilaxxaw stqarrija kull wiehed. Ghalhekk Marvin Zammit fl-istqarrija tieghu qal li verament hu ppartecipa fis-serqa ta’ kaxxi ta’ Mr Freeze. Ammetta li f’din is-serqa ntuzat Skoda EAQ-232, ammetta wkoll li l-vettura msemmija kellha number plates foloz. Ammetta wkoll il-partecipazzjoni tieghu ta’ ghodda minn go garaxx li qieghed gewwa l-Power Station.

Min-naha tieghu Jeffrey John Brincat ukoll ammetta l-partecipazzjoni tieghu fis-serq ta’ Paul Cutajar. Minn hawn insterqu kaxxi tal-lollipops kif ukoll telephones, decoders u oggetti ohra. Ammetta li din is-serqa saret bl-Iskoda ta’ missieru u li hu stess pogga fuq din il-vettura number plates mhux taghha. Ammetta wkoll serqa ohra minn hdejn il-Power Station, minn hawn insterqu ghodod. Ammetta wkoll serqa ta’ mutur Yamaha.

Ghalhekk Emanuel Tanti xehed dwar is-serqa tal-mutur tieghu Yamaha. F’dan ir-rigward id-Difiza qablet illi tali mutur kien jiswa aktar minn mitt lira. Skond Tanti, cioe sid dan il-mutur kien ilu barra ghal 25 sena. Giet esebita wkoll lista’ ta’ danni kkagunati lill-istess mutur (a fol 75).

Maurice Meli xehed dwar is-serqa sofferta minnu. Dan anke kif jidher mid-dokument esebit a fol 96 tal-process.

Carmel Saliba ghan-nom ta’ P. Cutajar & Co. Xehed illi mill-istores insterqu Mr Freeze Lollipops ghal ammont ta’ izjed minn Lm 500.

Illi pero’ fir-rigward ta’ l-akkuza bl-ittra h, din il-Qorti tqis li nonostante ghall-fatt li tliet kuntistabbli xehdu li kellhom izulu min-nofs meta l-malviventi telaq mill-post mill-vettura, pero’ s-sewwieq fil-fehman tal-Qorti ma kellux intenzjoni li jferi lill-pulizija, jew ahjar dan ma giex pruvat.

Ghal dan il-fatt il-Qorti hija konvinta li dan ma giex pruvat fil-konfront ta’ Jeffrey John Brincat. Irrizulta pero’ mix-xhieda ta’ dawn it-tliet kuntistabbli illi fil-verita’ Brincat saq b’mod ghal kollox perikoluz.

Rat ukoll is-sentenza esebita mill-Ufficjal Prosekutur biex tigi pruvata r-recidiva (fol 40-41). Rat f’dan ir-rigward illi d-Difiza ezentat lill-Ufficjal Prosekutur milli jtella’ prova ta’ identita’ fir-rigward ta’din is-sentenza fol 37.

Ghaldaqstant qeghda ssib lil Marvin Zammit hati taht l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu barra dik ta’ ricettazzjoni in kwantu hija akkuza alternattiva u dan wara li rat l-artikoli 18, 261, 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 325 tal-kapitlu 9 u 21, 22 u 23 tal-Kap 446. Issib lil Jeffrey John Brincat hati tar-reati kkontemplati taht l-artikoli 18, 261, 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 325 tal-kapitlu 9. Hati wkoll tar-reati kkontemplati taht l-artikoli 15(1)(2)(3) tal-Kapitlu 65 u r-regolament 127 ta’ l-Avviz Legali 128 ta’ l-1994 kif ukoll ta’ l-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap 446. Brincat liberat mir-ricettazzjoni in kwantu akkuza alternattiva kif ukoll mill-akkuza kkontemplata fl-ittra h tar-rinviju u cioe ta’ griehi.

Dwar il-piena rat il-fedina penali ta’ l-imputati, rat ukoll is-social inquiry report redatti fil-konfront taghhom, ikkonsidrat illi huma regghu ikkommettew serq fi zmien li kien taht liberazzjoni kundizzjonata, ergo dawn ma fehmu xejn mill-opportunita’ lilhom moghtija mill-Qorti, ghaldaqstant qedgha wara li rat l-artikoli msemmija tikkundanna lil Marvin Zammit ghal piena karcerarja ta’ sena u dan wara li rat ukoll l-artikoli 17, 31, 37 tal-kapitlu 9.

Fil-konfront ta’ Jeffrey John Zammit tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn u dan wara li rat l-artikoli 17 u 31 tal-Kapitlu 9. Tiskwalifikah ukoll milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur mil-llum wara li rat l-artikolu 15 tal-Kapitlu 65.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------